**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

## Naħsbu b'Mod Ugwali:  Jitniedu żewġ Kompetizzjonijiet u Wirjiet

Permezz tal-implimentazzjoni tal-proġett *VS/2010/0569 Naħsbu b'Mod Ugwali*, parzjalment iffinanzjat mill-fondi PROGRESS tal-UE, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) nediet Kompetizzjoni u Wirja dwar l-Ugwaljanza fl-Arti u Kompetizzjoni u Wirja tal-Fotografija immirati għaż-żgħażagħ u l-pubbliku inġenerali.

Il-pubbliku inġenerali (b'mod speċjali l-istudenti tal-Arti) hu mħeġġeġ li jipproduċi xogħlijiet tal-arti li jesponu kunċetti tal-uġwaljanza u n-non-diskriminazzjoni.  Dinn il-kompetizzjoni u l-wirja tal-arti għandhom l-għan li jinkoraġġixxu u jistimulaw l-espressjonijiet u r-riflessjonijiet personali dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni.  B'hekk jinħoloq proċess ta' ħsieb individwali li jintwera lill-pubbliku permezz ta' dan il-mezz artistiku.

Il-Kompetizzjoni tal-Fotografija tagħti l-opportunità lill-fotografi biex jipparteċipaw u jissottomettu ritratt jew sensiela ta' ritratti li juru każijiet ta' diskriminazzjoni jew ta' kif l-ugwaljanza tkun qed titpoġġa fil-prattika.  Iż-żgħażagħ u l-pubbliku inġenerali se jkunu qed jingħataw l-opportunità li jsiru konxji u jirriflettu fuq kif id-diskriminazzjoni qed isseħħ lokalment.  Il-wirja għandha l-għan li tqanqal lill-pubbliku billi tesponi sitwazzjonijiet reali permezz ta' dawn ir-ritratti.  Xi wħud mir-ritratti se jkunu qed jintgħażlu biex jitpoġġew f'kalendarju.

Is-sottomissjonijiet tax-xogħlijiet tal-arti u l-fotografija wara se jkunu għall-wiri permezz ta' wirja li se tkun qed tintwera u ddur f'diversi lokalitajiet.  Il-pubbliku inġenerali flimkien ma' *team* ta' esperti (li jkollhom nofs bin-nofs tal-voti) se jkun qed jivvaluta u jippremja dawn is-sottomissjonijiet.  Ir-rebbieħa jkunu mistiedna li jattendu għal ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet li se ssir waqt Kunċert li jippromwovi d-diversità permezz tal-mużika.

**Data tal-għeluq:  16 ta' Settembru 2011 f'nofsinhar.**

Għal aktar informazzjoni dwar *VS/2010/0569 Naħsbu b'Mod Ugwali* – Kompetizzjonijiet u Wirjiet, żur www.equality.gov.mt jew agħmel kuntatt mal-NCPE fuq 25903850 jew equality@gov.mt

**It-Tlieta 21 ta' Ġunju, 2011**

Dan il-proġett qed isir bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea Programm għal Impiegi u Solidarjeta` Soċjali - PROGRESS (2007-2013)